Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tat-3 ta' Marzu 2010 — Lufthansa AirPlus Servicekarten vs UASI — Applus Servicios Tecnológicos (A+)

(Kawża T-321/07)

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva A+ — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti AirPlus International — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Nuqqas ta' xebh tas-sinjali — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Artikolu 8(1)(b) u (5), Artikoli 73, 74 u 79 tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li saru l-Artikolu 8(1)(b) u (5), u l-Artikoli 75, 76 u 83 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]"

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 30, 43)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tas-7 ta' Ġunju 2007 (Każ R 310/2006-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Lufthansa AirPlus Servicekarten GmbH u Applus Servicios Tecnológicos, SL.

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Applus Servicios Tecnológicos, SL
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark figurattiva A+ għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 35, 36, 37, 40, 41 u 42 — Applikazzjoni Nru 2933356

Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Lufthansa AirPlus Servicekarten GmbH
Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Trade mark verbali Komunitarja AirPlus International għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 35, 36 u 42
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:	Oppożizzjoni miċħuda
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Lufthansa AirPlus Servicekarten GmbH hija kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (trademarks u disinni) (UASI).

3) Applus Servicios Tecnológicos, SL għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) tal-4 ta' Marzu 2010 — Mundipharma vs UASI — ALK-Abelló (AVANZALENE)

(Kawża T-477/08)

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali AVANZALENE — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti AVANZ Probabbiltà ta' konfużjoni Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) u 207/2009]"